DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, RIĊERKA
INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DEPARTMENT FOR CURRICULUM, RESEARCH
INNOVATION AND LIFELONG LEARNING
FLORIANA VLT 2000
MALTA

## Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

**Tel:** 2598 2425 / 2598 2426 / 2598 2427 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 15 ta' Ottubru 2017

**Azzjoni:** X **Ref:** DLAP 120/2017

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Il-Programm *Seħer l-Istejjer/The Magic of Stories*

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol se tkun qiegħda ssaħħaħ u xxerred il-programm nazzjonali ta' qari għall-gost ***Seħer l-Istejjer/The Magic of Stories***. Dan il-programm, li jagħmel parti mill-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd, huwa maħsub għal tfal ta' bejn l-erba' snin u sebgħa, u l-ġenituri jew il-kustodji tagħhom.

L-għan tal-programm huwa li jkebbes il-ħajra għall-qari u jħeġġeġ fit-tfal l-imħabba għall-kotba. Waqt is-sessjoni jinqraw stejjer b'mod interattiv u divertenti biex jistimulaw l-immaġinazzjoni u l-ħsieb kritiku tat-tfal. Is-sessjonijiet isiru bil-Malti jew bl-Ingliż, darba fil-ġimgħa, almenu fuq firxa ta' tmien ġimgħat, fil-klassijiet tal-kindergarten u l-iskejjel primarji tal-istat, u fil-libreriji pubbliċi. Il-programm qiegħed isir bil-kollaborazzjoni tal-entità Libreriji Maltin, l-iskejjel primarji, il-kulleġġi u d-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar.

Dawk l-iskejjel primarji u ċentri tal-kindergarten tal-istat li jixtiequ jħaddmu dan il-programm huma mistiedna jibagħtu ittra elettronika lis-Sur David Muscat, fl-indirizz elettroniku david.muscat.4@ilearn.edu.mt.

Min jixtieq ikun jaf aktar fuq il-programm jista' jżur il-paġna tal-facebook: ***Seħer l-Istejjer/The Magic of Stories.***

Grazzi tal-attenzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**